**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Marzu 2021**

**Rikors nru: 142/2017 AGV**

**DG**

**Vs**

**KM**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' DG datat 20 ta' Gunju 2017, fejn espona bir-rispett u ikkonferma :-**

1. Illi l-esponenti huwa missier ta' tifla minuri PGM li twieldet fit-30 ta' Lulju, 2015 minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata (Dokument A).

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet,

3. Illi l-minuri hija fil-kura u kustodja de facto tal-intimata.

4. Illi l-esponenti jezercita l-access ghal bintu fost il-gimgha, filwaqt li jikkontribwixxi mensilment il-manteniment ghall-bintu.

5. Illi l-intimata ma tinfurmax lill-esponenti dwar id-decizjonijiet edukattivi u medici relatati mal-minuri.

6. Illi jehtieg illi jigu regolati l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri.

7. Illi minkejja t-tentattivi tal-esponenti sabiex jintlahaq ftehim dwar l-istess anki tramite' l-proceduri ta' medjazzjoni, l-intimata ma ikkooperatx u fil-fatt il-medjazzjoni kellha tinghalaq ( Dok. B).

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri PGM f' idejn l-esponenti.
2. Tordna lill-intimata sabiex thallas manteniment ghall-minuri PGM.
3. Fin-nuqqas ta' akkoljiment tal-ewwel talba takkorda access adegwat lill-esponenti ghall-bintu, inkluz sleepover.
4. Tordna lill-intimata tikkonsulta mal-esponenti dwar id-decizjonijiet relatati mal-minuri PGM, li jirrigwardaw sahha u l-edukazzjoni.
5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma fl-ahjar interess tal-minuri PGM.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponenti kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta Guramentata tal-intimata KM datata 26 ta' Marzu 2018** fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej:-

1. Illi rigward l-ewwel talba din ghandha tigi michuda stante illi mit-twelid taghha, il-minuri P dejjem ghexet ma' ommha l-esponenti u l-intimat lanqas biss josserva d-digriet tal-access sabiex jara lil bintu.

2. Illi in kwantu ghat-tieni talba din ukoll ghandha tigi michuda stante illi gialadarba l-minuri tkun qieghda tirrisjedi mal-esponenti din ma ghandhiex ghalfejn tivversa manteniment, anzi jkun l-attur illi jivversa manteniment kif sejjer jigi muri fil-kontro-talba.

3. Illi t-tielet talba ghandha tintlaqa' parzjalment, u cioe' illi ghandu jkun hemm access a favur il-minuri u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi stante illi l-intimat qatt ma onora d-digriet ta' access ezistenti *in toto*. Madanakollu, fil-prezent ghandha tigi michuda t-talba ghal *sleepover* u dan minhabba s-shift tal-attur u minhabba l-fatt illi huwa jippreferi jahdem mit-Tnejn sal-Hadd. Jekk jigi akkordat sleepover, il-minuri mhix sejra tkun qieghda tqatta' hin mal-attur izda mal-familjari tieghu. Inoltre, huwa ghadu jirrisjedi mal-genituri tieghu u ma' ohtu f'appartament b'zewgt ikmamar tas-sodda u b'salott konvertit f'kamra tas-sodda ohra (ghal oht l-attur), u l-esponenti ma tarax illi l-minuri ghandha fejn taghmel sleepover ghand l-istess attur.

4. Illi r-raba' u l-hames talbiet ghandhom jintlaqghu.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Il-Qorti rat il-Kontro-Talba pprezentata mar-Risposta Guramentata tal-intimata KM, fejn ippremettiet is-segwenti :-

Illi lill-partijiet twielditilhom tifla minuri bl-isem ta' PGM, fit-30 ta' Lulju 2015.

Illi permezz ta' digriet tal-4 ta' Marzu 2016 fl-atti tal-medjazzjoni numru 92/16 VZ, l-attur gie ordnat ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri P oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici u dan b'effett mis-17 ta' Frar 2016. Kopja tad-digriet qieghda tigi hawn annessa u markata **Dok A**.

Illi l-manteniment hawn fuq imsemmi jinqata' direttament mis-salarju tal-attur permezz tal-istess digriet.

Illi mit-twelid tal-minuri, u cioe' minn Lulju 2015 sa Novembru 2015 l-attur hallas biss is-somma ta' €150 fix-xahar, u cioe' s-somma ta' €750.

Illi mill-1 ta' Dicembru 2015 sas-16 ta' Frar 2016, l-attur ma hallas l-ebda manteniment ghal bintu minuri.

Illi l-access tal-attur ghall-minuri P jinsab regolat permezz ta' zewg digrieti datati 28 ta' Awissu 2016 fl-atti tal-medjazzjoni numru 92/16 VZ u 25 ta' Frar 2017 fl-atti tal-medjazzjoni numru 92/16 VZ, hawn annessi u mmarkati **Dok B** u **Dok C** rispettivament.

Illi l-partijiet jahdmu fuq bazi ta' shift f'zewg fabbriki differenti u tali shifts ma jikkorrispondux flimkien, ghajr ghal gimgha wahda kull hames gimghat.

Illi wara li nghataw dawn id-digriet l-intimata ghamlet diversi arrangamenti fuq il-post tax-xoghol taghha, kif sejjer jigi pruvat fil-kors tal-kawza, u dan sabiex ikun jista' jsir il-*handover* tal-minuri. Madanakollu, l-attur min-naha tieghu ma ghamel xejn, b'dan illi f'dik il-gimgha illi huwa jkun shift ta' wara nofsinhar, huwa jaghmel gimgha ma jara lil bintu.

Illi stante li l-attur gieli ma jarax lil bintu fuq ghazla tieghu stess peress illi jippreferi jahdem u jaghmel l-overtime milli jqatta' hin ma' bintu u stante illi huwa ghadu jirrisjedi mal-genituri tieghu u ohtu f'appartament b'zewgt ikmamar tas-sodda u b'salott konvertit f'kamra tas-sodda ohra ghal oht l-attur, l-esponenti ma tarax illi l-minuri ghandha fejn taghmel *sleepover* ghand l-istess attur.

Illi oltre dan, minhabba s-shift tal-attur u minhabba l-fatt illi huwa jippreferi jahdem mit-Tnejn sal-Hadd, jekk jigi akkordat *sleepover*, il-minuri mhix sejra tkun qieghda tqatta' hin mal-attur izda mal-familjari tieghu.

Illi l-intimata ma ssib l-ebda oggezzjoni illi fil-weekend ikun hemm hinijiet itwal ta' access minn dawk ezistenti fil-prezent, b'dan illi fil-hin tal-access l-attur jehtieg illi jkun prezenti u mhux xoghol.

Illi l-intimata dejjem tikkomunika mal-attur permezz ta' messaggi sabiex tinfurmah dwar il-minuri, kemm rigward sahha kif ukoll rigward attivitajiet ohra illi tattendi l-istess minuri.

Illi l-intimata ma ssib l-ebda problema illi d-decizjonijiet straordinarji ta' sahha u edukazzjoni jittiehdu miz-zewg partijiet flimkien, b'dan illi l-kura u l-kustodja tkun esklussivament f'idejha.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslitx ghal ftehim bonarju bejnethom u dan minhabba nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet.

Ighid ghalhekk l-attur ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri P b'mod esklussiv f'idejn l-intimata.

2. Tiffissa granet u hinijet li fihom l-attur ghandu jezercita access a favur il-minuri P taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

3. Tordna illi kull beneficcju socjali u / jew ghajnuna socjali li jistghu jkunu talvolta dovuti jkunu pagabbli esklussivament lill-intimata.

4. Tordna lill-attur sabiex jivversa manteniment fiss ta' €300 kull xahar ghall-minuri P oltre nofs l-ispejjez edukattivi, medici u ta' attivitajiet extra-kurrikulari.

5. Tordna lill-attur sabiex ihallas manteniment arretrat mit-twelid tal-minuri u cioe' 30 ta' Lulju 2015 sas-16 ta' Frar 2016, peress illi f'dan il-perjodu huwa hallas biss is-somma ta' €750 u ghalhekk l-intimata gustament tippretendi illi l-attur ihallas id-differenza ta' €1,125, meta tigi mahduma bid-digriet vigenti.

6. Tordna illi l-manteniment fiss jizdied kull sena bir-rata ta' wiehed fil-mija (1%) fuq is-sena precedenti mid-data tas-sentenza.

**FATTI**

1. Il-partijiet ghandhom tifla PGM li twieldet fit-30 ta' Lulju, 2015. Il-minuri tghix mal-konvenuta u l-access tal-attur jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis mill-5 pm sas-7pm u mis-1 pm sas-6 pm b'mod alternattiv is-Sibt u l-Hadd. L-attur jispjega li meta jkollu s-shift ta' wara nofsinhar jezercita l-access biss fil-weekend. It-tifla tingabar mill-bandli tal-Qrendi u jerga' jirritornaha fl-istess post.

   L-attur jikkonferma li jhallas €255 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, plus nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, imbaghad dawn saru €250 u wara jikkonferma li jhallas €260. Ghal bidu kien ihallas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha, izda mbaghad waqaf peress li kien rahom hafna. Ighid li m'ghandhomx arrangjamenti dwar id-decizjonijiet fuq it-tifla minuri u kien hemm okkazzjonijiet fejn il-konvenuta hadet decizjonijiet wahedha. Izid ighid li huwa difficli biex jikkomunikaw bejniethom u dejjem isir jaf wara x'gara.

   Jikkonferma li kien hemm xi tlett xhur bejn Dicembru, 2015 u Frar, 2016 li ma kienx qed ihallas is-somma ta' manteniment, li dak iz-zmien kien ighaddilha €150 fix-xahar. Ighid ukoll li ma jhallasx ghall-ispejjes tal-gymnastics u tal-ballet, ghax il-konvenuta ma tikkooperax mieghu u ggib lit-tifla nofs triq, izda jkollu jmur ghaliha l-Qrendi.

2. Il-konvenuta kienet harget tqila meta kienu ilhom sentejn flimkien u tghid li kienet kuntenta, ghalkemm it-tqala ma kinitx ippjanata. L-attur kien farfar mir-responsabbilita' tieghu ghax ftit gimghat wara li giet ikkonfermata t-tqala, l-attur kien telaqha.

   Tghid li kienu ftehmu li jattendu l-Parent Craft flimkien il-Hdud peress li t-tnejn li huma ma kinux jahdmu, izda l-attur ma kienx jattendi u kien jippreferi jahdem overtime. Lanqas kien prezenti meta kienet ser twelled u kienet sejra lura d-dar bit-tarbija.

**Manteniment u Spejjes**

Dwar il-hlas ta' manteniment, il-konvenuta tistqarr li minn meta twieldet it-tarbija mit-30 ta' Lulju, 2015 sal-ahhar ta' Novembru, 2015, l-attur kien jaghtiha €150 fix-xahar. Tikkonferma li bejn Dicembru, 2015 sas-16 ta' Frar, 2016 ma kienx taha manteniment. B'digriet tas-17 ta' Frar, 2016 gie ordnat ihallas €250 fix-xahar, liema ammont kellu jinqata' direttament mill-paga tal-attur. Peress li skond l-istess digriet, l-ammont kellu jizdied bir-rata ta' 1% kull sena, l-ammont ta' manteniment huwa ta' €260 kull xahar.

Il-konvenuta tikkonferma ukoll li minkejja li d-digriet tas-17 ta' Frar, 2016 jikkonferma li l-attur irid ihallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha, dawn ma jhallashomx u l-konvenuta qed ikollha thallas l-ispejjes kollha u fil-fatt qed tippretendi li tithallas lura ghall-arretrati ta' dawn l-ispejjes.

a) €260.85 spejjes medici – Dok. A
b) €480.29 spejjes edukattivi – Dok. B
c) €55.59 – spejjes ghall-kuncerti tal-iskola – Dok. C
d) €100 – stagecoach – Dok. D
e) €559.75 – spejjes taz-zfin u l-uniformi/kostum (kinetic dancing) – Dok.E
f) €570 – gymnastics u l-uniformi/kostum (Gymstars) – Dok. F

It-total ta' dawn l-ispejjes huwa ta'  €1, 926.48 u sehem l-attur huwa ta' €963.24.

Il-konvenuta tinsisti li jkollha somma wahda fissa bhala manteniment.

**Access**

Dwar l-access, il-konvenuta tispjega li kien hemm hafna dizgwid u llum tikkonferma l-hinijiet tal-access tal-attur u li generalment it-tifla minuri tingabar u terga’ tingab lura l-bandli tal-Qrendi mill-attur, li joqghod il-Furjana. Izid tghid izda, li recentement peress li t-tifla minuri kienet tattendi lezzjonijiet tal-ballet il-Fgura s-Sibt, generalment tghid lill-attur biex jigborha minn hemm. Issib problema li kieku kellhom jiftiehmu post iehor minn barra l-Qrendi u dan minhabba li fost il-gimgha jkollha hafna giri bit-tifla minuri.  Nhar ta’ Erbgha bejn is-6 pm sas-7 pm ghandha l-gymnastics u nhar ta’ Hamis bejn l-4 pm u l-5 pm ghandha l-ballet, ghax kienet bidlithom mis-Sibt. Tikkonferma li dawn id-decizjonijiet kienet hadithom wahedha, ghax kien ighidlha li ma kienx hemm ghalfejn.

Il-konvenuta tistqarr illi bejnha u l-attur il-komunikazzjoni hija mill-inqas u kemm il-darba tibghat messaggi lill-attur dwar it-tifla u lanqas jirrispondiha, bhal meta kienet talbitu biex japplikawlha ghall-iskola tal-knisja u spicca kienu applikaw it-tnejn, ghax ma kienx irrispondiha.

3. SG, missier l-attur, ighid li l-konvenuta kienet bniedma rasha iebsa u kellha karattru difficli. Isemmi li l-konvenuta kienet iddecidiet li tghammed lill-minuri minghajr ma avzat lill-attur u meta sar jaf kellhom jitlobu l-intervent tal-Kappillan tal-Qrendi sabiex saret il-Maghmudija fil-presenza taghhom, fejn hu kien parrinu, flimkien ma’ omm il-konvenuta.

   Jispjega li kien difficli ghall-attur li jasal ghall-ftehim mal-konvenuta u minhabba f’hekk kellu jitlob l-intervent tal-Qorti. Jikkonferma li peress li l-attur jigbor lit-tifla mill-Qrendi, jaraha biss darba fil-weekend meta jehodlihom l-attur.

4. Connie Azzopardi, rapprezentanta tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali pprezentat l-beneficcji socjali li jithallsu lill-konvenuta.[1]

5. Matthew Psaila, fil-kapacita' tieghu ta' R & R Manager Baxter, li pprezenta l-FS 3's tal-konvenuta, kif ukoll il-payroll transactions.[2]

6. David Parnis, HR Manager Methode, pprezenta l-punches records tal-attur.[3]

7. Lorraine Attard, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc pprezentat il-kontijiet bankarji.[4]

8. PC 1416 Daniel Galea, ipprezentat 50 rapport mill-2016 sal-2018.[5] Dawn ir-rapporti saru fil-konfront tal-attur, izda ma setax jikkonferma jekk ittiehdux passi kontrih.

9. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport, Malta kkonferma li mir-ricerki li ghamel ma rrizultax li kien hemm prezentement jew fil-passat, vetturi rregistrati f'isem l-attur.[6]

10. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobs Plus, ipprezenta l-employment history tal-attur.[7]

---

[1] Ara Doks. CAD 1 – CAD 2-
[2] Ara Doks. MP 1 – MP 4
[3] Ara Dok. DP1 – DP 5
[4] Ara Dok. LAG 1 – LAG 4
[5] Ara Dok. DG 1
[6] Ara Doks. TM1 – TM 3
[7] Ara Dok. JS 3

11. Joanna Bartolo, in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet, kien hemm tlett kontijiet bankarji f'isem l-attur:-

i) Savings account numru 40025600018 li ghadu miftuh;[8]
ii) Current account numru 40025622122 li ghadu miftuh;[9]
iii) House loan account numru 40025635119, ghadu miftuh. [10]

Tikkonferma ukoll li ma kienx hemm kontijiet kongunti.

## KONSIDERAZZJONIJIET

## KURA U KUSTODJA

Illi meta nfethet dina l-kawza, l-attur fetahha bl-intendiment li jinghata l-kura u kustodja tal-minuri P. Maz-zmien ir-relazzjonijiet ma' bintu minuri nbiddlu ghaliex ma baqghetx tibki biex tmur mal-attur  missierha. Fil-mori tal-proceduri, il-partijiet ukoll waslu ghal ftehim bejniethom, li l-attur ikollu access ghall-minuri P, b'dan l-intendiment, li l-kura u kustodja tibqa' fdata f'idejn il-konvenuta.

Dina l-Qorti ukoll giet a konjizzjoni li l-partijiet jikkomunikaw mill-inqas bejniethom u donnu l-unika darba li jkun hemm kuntatt bejniethom huwa dwar l-access. L-attur jilmenta li l-konvenuta tiehu d-decizjonijiet rigward l-edukazzjoni u sahha tal-minuri wahedha u kemm tinfurmah biss wara li tkun iddecidiet, izda l-konvenuta taghti verzjoni kontrastanti, fejn isostni li l-attur jinjoraha u jkollha tigri warajh, bhal meta xtaqet tapplikalha ghall-iskejjel tal-Knisja. Spiccaw, minhabba n-nuqqas ta' komunikazzjoni applikaw it-tnejn.

---

[8] Ara Dok. JB 1
[9] Ara Dok. JB 2
[10] Ara Dok. JB 3

Bhala Qorti, dejjem tpoggi quddiem net, l-harsien tal-interessi tal-minuri u meta l-genituri ma jirnexxilhomx jikkomunikaw bejniethom dan johloq hafna ndhil ghall-istess minuri, li tispicca vittma ta' dan id-dizgwid.

Ghalhekk, dina l-Qorti theggeg lill-partijiet sabiex, fir-rwol taghhom bhala genituri tal-minuri P, jpoggu l-ewwel u qabel kollox dak li minnu jista' jibbenifika l-minuri, minflok jippikaw. Din il-Qorti tiddeplora dan l-agir u thoss li kif il-partijiet mxew 'l quddiem tul dan il-kaz, ikompli mixjin f'din it-triq fl-interess suprem tal-minuri. Minhabba f'hekk tiddeciedi li l-konvenuta ghandha tinforma lill-attur dwar kwalsiasi decizjoni rigwardanti l-minuri, kif ukoll rigward decizjonijiet fuq l-edukazzjoni u sahha tal-istess minuri, fejn l-attur ghandu jkun ko-partecipi fl-istess. Kull parti ukoll ghandha l-obbligu li ma tostakolax dawn id-decizjonijiet b'mod kapriccuz u thares dejjem dak li huwa ta' beneficcju u interess ghall-istess minuri.

**ACCESS**

Dwar l-access il-partijiet waslu ghall-ftehim u jaghmlu referenza ghad-digriet li hareg fl-atti tal-medjazzjoni tat-28 ta' Awissu, 2016, fejn gie deciz, li l-access ghall-attur ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn l-5 pm u s-7 pm, filwaqt li fil-weekend il-partijiet qablu li l-access ghandu jigi ezercitat darba s-Sibt u darba l-Hadd, b'mod alternattiv mis-12.00 pm sas-7.00 pm.

Il-qofol dwar il-problema tal-access jiccirkonda fuq il-gbir u l-wasla tal-minuri P. Dan isir hdejn il-bandli tal-Qrendi, meta effettivament l-attur joqghod il-Furjana. L-attur, ihares lejn din it-triq bhala ngombru, tenut kont tad-distanzi nvoluti, izda jiehu din it-triq biex jara lil bintu. Sfortunatament, l-attur allaccja dan l-izvantagg billi ddecieda biex ipaci ghall-ispejjes ta' dan il-vjagg, billi ma jhallasx ghas-sehem tieghu ta' nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Bir-rispett kollu, dan mhux ragunar gust u lanqas huwa meritevoli ghall-minuri. Din il-Qorti tifhem li huwa impenn li tlett darbiet fil-gimgha, l-attur ikollu jitla' sal-Qrendi

biex jara lil bintu, partikolarment fost il-gimgha bejn l-5 pm u s-7 pm. hinijiet ukoll li wiehed isib hafna traffik.

Ghal darb'ohra dina l-Qorti theggeg lill-partijiet biex jikkooperaw bejniethom u ghaldaqstant, stante l-fatt li t-Tlieta u l-Hamis jahbtu fost il-gimgha u cioe' meta l-minuri ghandha l-iskola u aktar mat-tmur, il-minuri aktar ser tkun impenjata u tkun haga ghaqlija li l-attur jigborha mill-Qrendi u jehodha lura hdejn il-bandli u dan a skans ta' hafna tragitti li jahlu iktar hin prezzjuz ghal dina l-minuri.

Il-weekend huwa zmien, fejn il-minuri ghandha iktar hin flessibbli u jkun opportun li jekk kemm il-darba ghanda xi attivitajiet extra-kurrikulari, tingabar mill-attur minn dak il-post (isemmiet il-Fgura) u t-tifla minuri ghandha tingabar mill-konvenuta mir-residenza tal-attur is-Sibt jew il-Hadd filghaxija skond l-access.

**<u>MANTENIMENT</u>**

B'digriet ta' dina l-Qorti datata 17 ta' Frar, 2017, l-attur gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €250 fix-xahar oltre nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Dina s-somma zdiedet minhabba z-zieda ta' 1% tal-gholi tal-hajja ghal €260 kull xahar.

L-attur jammetti fix-xhieda tieghu li ma kienx qed ihallas l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dana peress li jkollu jitla' ghall-minuri l-Qrendi biex jezercita' l-access. Kif diga' tenniet dina l-Qorti dina bl-ebda mod ma tiggustifika l-agir tal-attur.

Il-konvenuta qed tippretendi ukoll li in vizta ta' dawn il-problemi li qed ikollha tiffaccja ghall-hlas tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha, tixtieq li s-somma tal-manteniment tkun wahda li tkopri mhux biss l-ispejjes ghall-hajja, izda ukoll l-ispejjes tal-edukazzjoni u tas-sahha. Fil-kontro-talba taghha tikkontendi li s-

somma ta’ €300, inkluz nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha jkunu soddisfacenti u dina hija verzjoni differenti minn dak li accennat ghalih fl-affidavit taghha.

Dwar l-introjtu tal-attur, jirrizulta li fil-mori tal-proceduri kien jahdem mal-Methode Electronics Malta Ltd. Izda mbaghad kif jaqblu l-partijiet, illum l-attur jahdem self-employed. Ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-attur bhala self-employed, izda bhala provi li fuqhom tista’ tibbaza d-decizjoni taghha, dina l-Qorti ghandha l-FS 3 tal-attur, minn fejn jirrizulta li ghas-sena 2019, l-attur kellu introjtu ta’ cirka €11, 834 grossi fix-xahar.[11] Jekk kemm il-darba ddecieda li jahdem ghar-rasu, l-attur, s’intendi dan ghax jaqbillu u l-paga tieghu presumibbilment hija iktar milli kien jaqla’ meta kien impjegat il-Methode. Madankollu, jista’ jaghti l-kaz li l-attur ghamel dan bl-iskop li jnaqqas l-introjtu tieghu sabiex ma jkun kostrett ihallas iktar manteniment, izda ma gab ebda prova in sostenn ta’ dan.

Ghaldaqstant, tenut tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti thoss li l-attur ghandu jhallas is-somma ta’ €350 bhala manteniment ghall-minuri P, u din is-somma tinkludi fiha s-sehem tieghu ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Jibqa’ biex jigi kkonsidrat jekk il-konvenuta hijiex intitolata ghal hlas ta’ arretrati ta’ manteniment ghall-perjodu bejn Dicembru, 2015 u Frar, 2016 meta l-attur kien waqaf ihallas l-ammont ta’ €150 fix-xahar u dan anke fuq ammissjoni tieghu stess.

Il-konvenuta tinsisti li dawn l-arretrati ghandhom jigu kkalkolati skond l-ammont ta’ €250 li gie ddekretat fid-digriet datat 17 ta’ Frar, 2016. Dina l-Qorti ma taqbilx, ghaliex sas-16 ta’ Frar, 2016 ma kienx ghad hemm digriet dwar l-ammont

[11] Ara Dok.DP 2 a fol. 106 tal-process.

ta’ manteniment dovut mill-attur u lanqas hemm xi indikazzjoni li dan l-ammont kellu jkun retroattiv. Ghaldaqstant, l-ammont li ghandu jigi kkalkolat ghal perjodu ta’ tlett xhur huwa ta’ €150 ghal kull xahar u cioe’ **total ta’ €450** kif kien miftiehem bejn il-partijiet.

Il-konvenuta qed tippretendi ukoll li l-attur ihallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha li ma hallasx sal-lum. Dawn jammontaw ghal  €963.24. Peress li dina l-Qorti rriteniet li l-pretensjoni tal-attur li ma jhallasx ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha tal-minuri huma bla bazi, tikkonferma t-talba tal-konvenuta li jhallas ghal dawn l-ispejjes fl-ammont ta’ €963.24, l**i b’ rikors datat 8 ta’ April 2021 intalbet li ssir korrezzjoni ghas-somma ta’ Ewro 1069.37 fejn il-Qorti laqghet it-talba b’ digriet datat  25 ta’ Mejju 2021.**

**DECIDE**

1. Tichad l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri PGM lill-konvenuta.
2. Tichad it-tieni talba attrici.
3. Tilqa’ t-tielet talba in parte u dan billi tordna li l-access ghandu jigi ezercitat kull nhar ta’ Tlieta u l-Hamis bejn l-5pm sas-7 pm b’dan li l-minuri ghandha tingabar u tigi rritornata mill-bandli tal-Qrendi mill-attur.

   Is-Sibt jew il-Hadd b’mod alternattiv bejn 12.00 pm u s-7.00 pm b’dana li jekk il-minuri ghandha xi attivitajiet extra-kurrikulari, din ghandha tingabar mill-attur minn dan il-post, filwaqt li l-minuri ghandha tingabar biex tmur lura d-dar mal-konvenuta, mir-residenza tal-attur.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u taghmel referenza ghal dak surriferit.
5. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-hames talba u dan minhabba dak diga’ deciz.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba.
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kontro-talba, stante li giet deciza fit-talbiet attrici.
3. Tilqa' t-tielet kontro-talba.
4. Tilqa' r-raba' kontro-talba u dan billi tordna lill-attur ihallas lill-konvenuta, is-somma ta' €350 kull xahar u dan jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.
5. Tichad il-hames kontro-talba, b'dana illi l-arretrati li jrid ihallas l-attur ikopru l-perjodu bejn Dicembru, 2015 sa Frar, 2016 u dawn bl-ammont ta' €150 mensilment, li fuq perjodu ta' tlett xhur jammontaw ghal €450, **u s-somma ta' Ewro 1069.37 mitluba b' rikors tal-konvenuta datat 8 ta' April u milqugh b' digriet tal- 25 ta' Mejju 2021.**
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba.
7. Tilqa' s-seba' kontro talba meta u sa fejn tkun applikabbli.

L-ispejjes kollha ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J.Vella** **Registratur**